**Kunsill Lokali Mġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

# Seduta numru 36 tas-Sitt Leġislatura
# Illum it-Tlieta 15 ta' Novembru 2011

## MINUTI

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Korrispondenza*
3. *Kommunikazzjonijiet*
4. *Annallizzar tal-4 sejħiet ta' kwotazzjonijiet*
5. *Proġett Cypfire – ir-4 Meeting fi' Kreta u tħejjijiet għal-laqgħat f' Malta f' April 2012*
6. *Abozz ta' Kuntratt dwar reklamar fit-toroq tal-lokalita'*
7. *Attivitajiet tal-Milied*
8. *Proposta ta' ħinijiet alternattivi għall-ftuħ pubbliku tal-uffiċċju*
9. *Proposta ta' Sotto-Kumitat għall-Ġieħ l-Imġarr*
10. *Affarijiet Mixxellanji*

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsilliera Maria Said, il-Kunsillier Giovanni Gatt u s-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

### Ftuħ tal-offerti tal-Kwotazzjonijiet

Il-laqgħa bdiet billi is-Segretarju Eżekkutiv, flimkien mad-Deput Sindku Eman Vella u l-Kunsillier Clayton Gauci fetħu l-kaxxa fejn intefgħu l-offerti għall-kwotazzjonijiet li kienu għadhom kif għalqu. Kien preżenti ukoll is-sur James Azzopardi mill-A6IT kif ukoll is-Sur

Godwin Bowerman mill-kumpanija ITC. L-offerti ssiġġillati kollha ġew impoġġiha fuq il-mejda tas-Seduta u ġew miftuħa fil-preżenza tal-Kunsill.

L-offerti ġew miftuħa mis-Segretarju Eżekuttiv fil-preżenza tal-Kunsillera u l-pubbliku u dawn kien mqassma hekk:

**Offerti għas-Servizz ta' Website:**
Kien hemm 9 offerti: iPoint International Ltd., Icon studios Ltd., A6IT Ltd., Zheta International, EBN Ltd., Casasoft Ltd., KIC Malta Ltd., Milestone Services Ltd., u Hive Information Systems.

**Offerti għall-Siġġijiet:**
Kien hemm 7 offerti: C Fino & Sons Ltd., Smart Office Supplies Ltd., Dex Workspaces, ITC Ltd., Kompakt trading Ltd., DDS Ltd., u de Valier Company Ltd.

**Offerti għall-dawl dekorattiv għall-zmien il-Milied:**
Kien hemm offerta waħda: Mica Med Ltd.

**Offerti għas-servizz ta' traduzzjoni tad-dokumentazzjoni relatata mal-proġett tal-MED Cypfire:**
Kien hemm 5 offerti : worditeasy.com, Dr Marc Sant, Media Consulta, MK Consultants u EdvertEyes Ltd.

Il-Kunsill ħa nota ta' kull offerta, niżżel id-dettalji ta' kull offerta u ser ikun qed jikkonsidra l-offerti kollha li waslu.

F' dan l-istadju, fis-6:45pm, il-Kunsilliera Maria Said ġiet skużata għall-kumplament tas-Seduta minħabba raġunijiet familjari.

## 1 Minuti

*Approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

*Punti mill-Minuti*

1.2 Eman Vella ta' rendikont tal-proġress tal-edizzjoni li jmiss ta' Il-Miġbħa. Din għandha toħroġ mal-bidu tas-sena l-ġdida.

1.3 punt 1.4 – IsSindku informa li kin tkellem mas-Sur Joe Attard tal-Green MT. Ser issir laqgħa fil-ġimgħat li pejjin fejn fiha ser jiġu diskussi d-diversi punti pendenti bejn iż-żewġ naħat.

Kunsill Lokali Mġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

1.4 Clayton Gauci informa li kien hemm bżonn li ssir bozza fi Pjazza Sant' Anna.

**2 Korrispondenza**

2.1 Il-Kunsill innota l-korripondenza mill-MEPA.

2.2 Il-Kunsill innota wkoll ir-rapporti li daħlu fis-sistema tal-*Customer Care*. Dawn ġew diskussi u ttieħdu deċiżjonijiet dwarhom.

2.3 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.4 Ġew innutati wkoll korrispondenzi mingħand Transport Malta dwar 'reserved parking' u talbiet oħra.

2.5 Korrispondenza mingħand il-PARKS fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent dwar għotja ta' siġar.

2.6 Korrispondenza mingħand l-Environmental Landscapes Consortium dwar għotja ta' pjanti biex jingħataw fid-djar biex jissebbaħ l-ambjent.

**3. Komunikazzjonijiet**

3.1 Il-Kunsillier Clayton Gauci semma' li kien ġie avviċinat minn persuna li kie qed joffri li jħallas għall-evalwazzjoni tar-restawr tas-Silos tal-qamħ li jijnsabu fis-sit magħruf bħala 'Ta' Palma'. Il-Kunsill laqa' b' sodisfazzjon din il-proposta u sar qbil biex jinġabru aktar dettalji dwar din l-innizzjattiva.

3.2 Il-Kunsillier Eman Vella semma' li kien hemm bżonn li xi toroq mingħajr ismijiet jingħatalhom isem kemm jista' jkun malajr. Il-Kunsill qabel dwar dan u ġie deċiż li dan il-punt jitpoġġa fuq l-aġenda għas-seduta li jmiss.

**4. Annallizzar tal-4 sejħiet ta' kwotazzjoni**

4.1 Peress li l-proċess tal-ftuħ tal-offerti fil-bidu tas-seduta ħa aktar ħin milli pjanat, u peress li l-Kunsill irċieva numru sostanzjali ta' offerti, ġie deċiż li l-annalizzar tagħhom isir aktar 'il quddiem f' ġurnata oħra biex b' hekk titkompla s-seduta fuq l-aġenda.

4.2 L-unika eċċezzjoni hija dik ta' tad-dawl dekorattiv tal-Milied, li minħabba li issa kien daħal iż-żmien, kien hemm bżonn deċiżjoni immedjata. (Ara punt 7)

**Kunsill Lokali Mġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

**5. Proġett Cypfire – ir-4 Meeting fi' Kreta u tħejjijiet għal-laqgħa f' Malta f' April 2012**

5.1 Eman Vella ta rendikont tal-konklużjonijiet milħuqa fir-4 Meeting tal-proġett Cypfire li sar fi Kreta u li għalih attendew hu u s-Sindku. Dawn huma il-punti li ħarġu:

- Sar ftehim mal-Lead Partner u ġie deċiż li se jsir 10% bdil fl-istruttura tal-fondi proġettati f' dan il-proġett biex b' hekk il-Kunsill ikun jista' jopera aħjar u jżomm bilanċ kif meħtieġ fl-iffinanzjament ta' dan il-proġett;

- Ser jibdew isiru laqgħat bejn is-Sindku u Eman Vella biex jibda' jiġu ppjanati l-attivitajiet marbuta ma' dan il-proġett li ser isiru f' Malta f' April 2012;

- Matul il-laqgħat fi' Kreta ħarġet l-idea ta' minħabba l-bżonn kbir ta' għajnuna fuq dan il-proġett, ser issir talba lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex tiġi mpjegata persuna fuq bażi part-time li tkun qed tagħmel xogħol relatat ma' dan il-proġett kif ukoll xogħlijiet oħra hekk kif meħtieġ. Saret diskussjoni dwar dan u saret lista ta' karateristiċi li għandhom jitfixxu f' din il-persuna:
    i. grad ta' 'Clerk';
    ii. bażi part-time, preferibilment fuq 30 siegħa fil-ġimgħa;
    iii. konoxxenza tajba tal-lingwa Maltija, Ingliża u lingwa oħra (preferibbilment Taljan jew Franċiż);
    iv. konnoxenza ta' Accounts, preferibbilement tal-programm Sage Pastel użat fil-Kunsill;
    v. konnoxenza ta' Customer-Care Services;
    vi. flessibilita' fil-ħinijiet tax-xogħol.

- Ġiet diskussa ukoll il-possibilita' li tinħareġ sejħa għall-tender għas-servizzi ta' l-immanniġjar tas-sit tal-Ballut relatat ma' dan il-proġett. Dan għandu jkopri ukoll l-ikrejar tal-aċċess minn isfel għall-fuq tas-sit kif ukoll manutenzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ f' dan is-sit. Il-Kunsill qabel li din is-sejħa toħroġ u l-Kunsill kien qed jalloka somma ta' €12,000 għal-din l-inizzjattiva.

- Ser jinġabu ukoll numru ta' siġar ta' cipress taħt l-iskema tal-PARKS msemmija f' punt 2.5 aktar 'il quddiem f' dawn il-minuti.

**6. Abbozz ta' Kuntratt dwar reklamar fit-toroq tal-lokalita'**

6.1 Ġie ppreżentat l-abbozz ta' kuntratt għar-reklamar fit-toroq hekk kif ppreżentat mill-avukat tal-Kunsill. Ġie maqbul li kull deċiżjoni ssir ad-hoc peress li jista' jkun hemm numru ta' differenzi fil-post, użu u proposti.

6.2 Ġie deċiż ukoll li kull talba li titressaq għall-dan it-tip ta' reklamar tgħaddi lil Kunsill fuq applikazzjoni apposta flimkien ma' site-plan tal-post propost. Il-Kunsill ser ikun qed jgħaddi t-talbiet proposti lis-Sur Hugh Arnett bħala l-konsulent tal-affarijiet relatati mat-traffiku. Id-deċiżjoni tal-Kunsill tkun finali.

**7. Attivitajiet tal-Milied**

7.1 L-ewwel diskuzjoni dwar l-attivitajiet tal-Milied kienet dwar is-sejħa għall-offerti tad-dawl dekorattiv li għalqet illum stess. Peress li waslet offerta waħda biss għall-dan is-servizz, kif ukoll peress li dinl-offerta kienet tidher favorevoli u skont it-talbiet u l-bżonnijiet li speċifika l-Kunsill fis-sejħa, ġie deċiż li l-offerta ta' Mica Med tintlaqa' u li dan ix-xogħol isir.

7.2 Ser issir ukoll Eżibizzjoni ta' fotografija ta' ritratt dwar il-lokalita' tal-Imġarr. Din ser isir nhar il-Ġimgħa 9 ta' Diċembru u ser issir bibita tal-okkażjoni. Dak in-nhar ukoll ser jinġabru flus li ser imorru għall-inizzjattiva ta' l-Istrina b' risq il-Community Chest Fund.

**8. Proposta ta' ħinijiet alternattivi għall-pubbliku**

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, wara diskuzzjonijiet li kellu ma' l-iskrivana tal-uffiċċju, ressaq proposta ta' ħinijiet alternattivi għall-pubbliku matul il-ġranet tax-xitwa (Ottubru sa nofs Ġunju). Dan kien qed isir l-aktar minħabba l-fatt li peress li l-uffiċċju qed jibqa' miftuħ għall-pubbliku waqt il-ħin kollu tal-operat, ma kienx qed jitħalla ħin biżżejjed biex isir ko-ordinament bejn l-istaff. Il-ħinijiet il-ġodda għandhom jgħinu ukoll biex jitħaffu ċertu proeduri amministrattiv u fl-istess ħin il-pubblika jibqa' jingħata servizz effiċċjenti.

Il-ħinijiet proposta huma :

**Mill-1 t'Ottubru sal-15 ta' Ġunju:**

| | | |
|---|---|---|
| It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa - | 8.00am sa 12.00pm | 1.00pm sa 3.00pm |
| It-Tlieta u l-Ħamis - | 8.00am sa 12.00pm | 1.00pm sa 4.45pm |
| Is-Sibt - | 8.00am sa 11.30am | |

**Mis-16 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju:**

| | |
|---|---|
| Mit-Tnejn sal-Ġimgħa - | 8.00am sa 2.30pm |
| Is-Sibt - | 8.00am sa 11.30am |

**Mill-1 t' Awwissu sal-31 t' Awwissu:**

| | |
|---|---|
| Mit-Tnejn sal-Ġimgħa - | 8.00am sa 1.30pm |
| Is-Sibt - | 8.00am sa 11.30am |

**Mill-1 ta' Settembru sa t-30 ta' Settembru:**

Kunsill Lokali Mġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

| | |
|---|---|
| Mit-Tnejn sal-Ġimgħa - | 8.00am sa 2.30pm |
| Is-Sibt - | 8.00am sa 11.30am |

Saret diskuzjoni dwar dan u intlaħaq ftehim li dawn il-ħinijiet jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2012. Il-pubbliku ser jiġi infurmat permezz ta' flyers fid-dar, notifikazzjonijiet fin-noticeboards tal-Kunsill u wkoll permezz tal-pubblikazzjoni Il-Miġbħa.

**9. Proposta ta' Sotto-Kumitat għall-Ġieħ l-Imġarr**

9.1 Is-Sindku ressaq proposta ta' ħolqien ta' Sotto-Kumitat għall-Ġieħ l-Imġarr. Ġew proposti is-Sur David Battistino, is-Sur Jimmy Vella u s-Sa. Agnes Camilleri. Dan is-Sotto Kumitat ser ikun immexxi mis-Sindku bħala Chair-person u bil-Kunsillier Clayton Gauci bħala deputat.

9.2 Il-formazzjoni ta' dan is-Sotto Kumitat ġie diżkussa u nlaħaq qbil unanimu biex dan jitwaqqaf u jibda' jiffunzjona.

**10. Mixxellanji**

10.1 Eman Vella semma li kien hemm barrier tal-ħadid fin-nofs fl-inħawi ta' Is-Santi. Is-Sindku ser ikellem xi ħaddiema biex din titneħħa.

10.2 Il-Kunsillier Ġiovanni Gatt staqsa fil-progress tal-bozoz fit-toroq li kellhom isiru. Giovann Gatt għandu jindika fuq is-site plan fejn dawn il-bozoz ser jiġu proposti ħalli t-talba tagħhom titmexxa.

10.3 Is-Sindku ressaq proposta biex jinġabru xi kwotazzjonijiet biex jinxtara sellum għall-użu tal-Kunsill. Dan ser ikun qed isir fil-ġranet li ġejjin.

**Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fid-9 :35pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta, 20 ta' Diċembru 2011, fil-5.30pm, fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku